**Tony Terribile** jgħidilna ...

# Min kien Stanislaw Gatt?



*Id-dar ta' Stanislaw Gatt fi Triq Santa Katerina*

Kull darba li xi okkażjoni speċjali twassalni Ħal Qormi u għalhekk ikolli ndur it-toroq ta' dan ir-raħal kbir u antik, jaffaxxinawni bosta affarijiet bħal mhuma l-knejjes kbar u żgħar, in-numru kbir ta' niċeċ ta' stili differenti, it-toroq dojoq u mserrpa, għadd mhux ħażin ta' sqaqien u ma' dawn insemmi għadd ta' djar kbar u antiki mibnija b'gosti tassew eleganti. Ma' wħud minn dawn, wieħed jara xi rħama li qiegħda tfakkar persunaġġ Qormi li għamel ġieħ lil dan ir-raħal. Meta ftit ilu kont Ħal Qormi u kont nieżel Triq Santa Katarina laqtitni dar antika u sabiħa. Din hi dar b'sular wieħed u fuqha hemm irħama li qiegħda tfakkar lil Stanislaw Gatt u f'qalbi staqsejt lili nnifsi min kien. Meta erġajt lura d-dar għamilt ftit tiftix fuq dan il-persunaġġ u rnexxieli niġbor dan it-tagħrif li nixtieq naqsmu mal-Qriema fl-okkażjoni tal-festa ta' San Sebastjan.

Stanislaw twieled għall-ħabta tal-1743, iben Karlu u Grazzja Galea. Minn ċkunitu wera intelliġenza kbira, studja l-farmaċija fl-isptar tal-Ordni u fit-30 ta' Mejju 1770 iggradwa bħala spiżjar. Sena wara, il-Gran Mastru Pinto, li tant kien iħobb lill-Qriema, taħ il-permess li jiftaħ spiżerija fir-raħal li kienet ta' Ignazio Cascia. Stanislaw kien bniedem li jaqdi lil kulħadd u għalhekk fi żmien qasir sar popolari ħafna u din il-popolarità wasslitu biex għal tliet darbiet jilħaq ġurat.

Fl-1781, laħaq Sindku ta' Ħal Qormi. Kien żmien diffiċli, meta l-Ordni kien riesaq lejn it-tmiem tiegħu u fuq Malta kien hemm it-theddida tal-okkupazzjoni Franċiża. Din it-theddida saret realtà nhar it-2 ta' Ġunju 1798, meta Napuljun u l-qawwa tiegħu daħlu Malta, Iżda l-inkwiet serju ggrava wara li fit-2 ta' Settembru bdiet ir-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Ħal Qormi, bħal postijiet oħra sofra sew f'dan iż-żmien ikrah, l-aktar meta l-Franċiżi daħlu Ħal Qormi u attakkaw id-dar ta' Stanislaw Gatt waqt li hu u l-familja tiegħu kienu evakwati fil-Belt Valletta.

Wara li Napuljun ħalla Malta, il-Maltin waqqfu kummissjoni tat-tmexxija tal-gżira. Din qasmet lil Malta fi tnax-il muniċipalità. Kull waħda kienet immexxija minn President, Segretarju u erba' membri.

Il-ħames kummissjoni kienet tiġbor fiha lil Ħal Qormi u lil Ħal Luqa. L-ispiżjar Stanislaw Gatt inħatar president ta' din il-muniċipalità. Kienet kariga diffiċli għax ma kienx faċli li

tfiehem lill-poplu x'kellu jsir f'dawk iż-żminijiet diffiċli. Inkwiet serju għal Stanislaw Gatt kien li jifforma reżistenza fir-raħal ta' Ħal Qormi u Ħal Luqa kontra l-qawwa Franċiża, iżda rnexxielu. U mhux hekk biss. Kien ukoll responsabbli tal-batterija tal-Marsa magħrufa bħala tal-Ġiżwiti, dik tas-Samra fil-limiti tal-Ħamrun u oħra magħrufa bħala ta' Pesci.



*L-irħama li tfakkar lil Stanislaw Gatt mal-istess dar fejn għex u qeda lill-poplu Qormi.*

Stanislaw Gatt u l-kumitat tiegħu kellhom jiġbru l-mezzi meħtieġa biex imexxu dawn il-battaljuni ta' difiża. Il-flus f'dawk iż-żminijiet kienu skarsi ħafna iżda Stanislaw għaraf jissellef xi flus biex bihom ġab il-qamħ minn Sqallija. Huwa wkoll ħareġ il-flus mill-proprjetà personali tiegħu.

Fl-1799, Stanislaw Gatt kien wieħed mill-Maltin li ffirma l-petizzjoni biex Malta terġa' taqa' taħt it-tmexxija tar-Renju wara t-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta.

Wara li Malta għaddiet taħt l-Ingliżi, Stanislaw Gatt reġa' lura lejn l-ispiżerija tiegħu u Manwel Gellel inħatar Logutent ta' Ħal Qormi. Iżda dan qala' ħafna nkwiet u ġlied f'Ħal Qormi u għal darba oħra l-Qriema reġgħu talbu lil Stanislaw Gatt biex ikun id-difensur tagħhom. Għal darba oħra reġa' ħadem u ddefenda lill-Qriema, tant li fl-1804 Manwel Gellel spiċċa mill-kariga li kellu.

L-ispiżjar Stanislaw Gatt miet jaqdi lill-poplu Qormi nhar l-4 ta' Marzu 1811. Kif kien xieraq, sarlu funeral kbir fejn il-poplu Qormi sellimlu bl-akbar rispett għall-ħidma kbira li wettaq f'dan ir-raħal.

